# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Preliminari

Nru. 2045

Kaz Nru 2786/HW

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Eileen Said ID 23760 (M)

u

Education Ltd.

Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

Dan il-kaz gie intavolat permezz ta' rikors maghmul mill-Avukat Matthew Brincat f'isem Eileen Said fis-6 ta' Mejju 2010, li fih gie allegat li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha fuq bazi ta' redundancy ma saritx skond l-Att. Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta). Meta it-Tribunal Industrijali beda' jisma' il-Kaz inkwestjoni, deheru ir-rikorrent li kienet assistita mill-Avukat Matthew Brincat u ghas-Socjeta intimata deheru Ms Maryse Gatt assistita mill-Avv. Paul Gonzi.

Fl-ewwel seduta, l-Avukat Paul Gonzi issolleva eccezzjoni preliminari fejn issottometta, li l-kaz kien preskritt peress li ir-rikorrent kienet applikat biex il-kaz jinstema quddiem it-Tribunal Industrijali wara kienu ghaddew l-erba' xhur zmien

kif hu stipulat fil-ligi. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali ddecieda li l-ewwel jittratta din l-eccezzjoni preliminari ssolevata mis-Socjeta.

Ir-rikorrent fl'istqarrija tal-Kaz taghha tghid, li kienet giet impjegata mas-socjeta Education Limited fit-13 ta' Marzu 2006, bhala Personal Assistant tal-Managing Director, imbaghad f'Ottubru tas-sena 2008, giet trasferita minn din il-posizzjoni ghal dik ta' Head of Reservations tal-istess socjeta.

Hija tkompli tghid fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li fl-14 ta' Dicembru 2009, waqt laqgha mar-rapprezentata tal-Kumpanija Marthese Padovani, giet infurmata li l-impieg taghha kien ser jigi tterminat minhabba redundancy. Hija tghid ukoll, li dan kien gie kkonfermat fil-15 ta' Dicembru 2009, permezz ta' email mibghuta minn Marthese Padovani, fejn giet mgharrrfa li l-impieg taghha kien ser jigi tterminat fuq bazi ta' redundancy minhabba l-fatt, li s-socjeta kienet ghadejja minn ricessjoni. Ir-rikorrrent tkompli tghid, li effettivament kif jidher car mit-"termination form" ta' l-ETC, il-Kumpanija ddokumentat il-fatt li l-ahhar gurnata ta' l-impieg taghha kienet it-13 ta' Jannar 2010.

L-appellanta tkompli tghid fl'istqarrija tal-Kaz taghha, illi qabel u wara li giet ufficjalment tterminata, terzi persuni gew impjegati ma l-istess socjeta fuq bazi ta' part-time, minkejja l-fatt li l-impieg taghha gie tterminat fuq bazi ta' redundancy.

Ghalhekk hija tghid, li t-terminazzjoni ta' l-impieg fuq bazi ta' redundancy ma saritx skond l-Att dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta) kemm ghaliex ir-regoli ta' selezzjoni applikabbli f'kaz ta' redundancy ma gewx rispettati u kemm ghaliex ma gietx offruta l-istess posizzjoni li kellha qabel lanqas fuq bazi ta' part-time, wara li l-impjieg taghha gie tterminat.

Hija tghalaq l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li ghalhekk qed titlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara li t-terminazjoni ta' l-impieg taghha kienet ingusta.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li preliminarjament l-impieg tar-rikorrent giet infurmata bit-terminazzjoni minhabba redundancy fl-14 ta' Dicembru 2009, u din giet ikkonfermata fil-15 ta' Dicembru 2009, u liema terminazzjoni giet effettiva fis-16 ta' Dicembru 2009 u mhux fit-13 ta' Jannar 2010, kif qed tallega ir-rikorrenti u dan ukoll ghaliex il-partijiet kienu ftehemu, illi r-rikorrenti ma kelliex tahdem in-"notice period" izda minflok tithallas somma daqs il-paga li kieku kien imissha tithallas ghaz-zmien tal-avviz.

Is-Socjeta tkompli tghid, illi ghaldaqstant l-ewwel parti tat-talba tar-rikorrent, u cioe illi t-terminazzjoni ta' l-impieg ghandha tkun iddikjarata bhala ngusta skond il-ligi ghax is-Socjeta intimata ma rispettatx ir-regoli ta' selezzjoni applikabbli f'kaz ta' redundancy hija preskritta a tenur ta' l-Artiklu 75 (3) tal-Kap 452.

Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrent kienet giet impjegata mas-Socjeta fit-13 ta' Marzu 2006 bhala Personal Assistant tal-Managing Director tas-Socjeta Education Limited. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrent kienet giet infurmata li l-impieg taghha kien se jigi tterminat fl'14 ta' Dicembru, 2009 u din id-decizjoni giet ikkonfermata fil-15 ta' Dicembru 2009. Mill-provi jirrizulta wkoll, li gie miftiehem bejn il-partijiet li ir-rikorrent ma tahdimx in-notice period li kien jiskada fit-13 ta' Jannar 2010, u hija giet imhallsa sa dan il-perjodu u nghatat hlas aktar. Mill-provi jirrizulta wkoll, li id-dikjarazzjoni li ghamlet il-Kumpanija fuq il-formola tal-"Employment and Training Corporation" gie ddikjarat, li d-data tat-tmiem ta' l-impieg saret b'sehh mit-13 ta' Jannar 2010 u gie stabilit wkoll, li l-Kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali giet imhallsa sa din id-data. Mill-provi jirrizulta ukoll, li ir-rikorrent intavolat il-Kaz taghha permezz ta rikors fis-6 ta' Mejju 2010.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u prezentati, jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent saret b'sehh mit-13 ta' Jannar 2010, u dan kif giet iddikjarat fuq il-formola ta' l-"Employment and Training Corporation". Ghaldaqstant, meta hija applikat biex tressaq il-Kaz

**quddiem it-Tribunal Industrijali, hija ghamlet din l-applikazzjoni fiz-zmien tat-terminu ta' zmien kif provdut mill-ligi. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-Socjeta Appelllata u jiddeciedi li jkompli jiehu kongizzjoni tal-Kaz.**

Vera kopja

**Harold Walls**
**Chairman**

**M'Rose Galea**
**Segretarju**

**Data** 27 Jan 2011